MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 1216/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**ADOLPH BALDACCHINO**
**(ID Nru. 339973M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1216/2014

Illum, 24 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adolph Baldacchino, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 339973M.

**Akkuzat talli:**

Fil-hmistax (15) ta` Mejju, 2014, u/jew zminijiet qabel fil-fond bl-isem 'JAC Steel' li jinsab Triq Aldo Moro, Marsa, u/jew f'dawn il-gzejjer xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, cioe` *forklifter* tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni ABH796 liema oggett kien mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghu jew imexxieh.

Ukoll talli fl-istess zminijiet volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq vettura (*forklifter*) tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni ABH796 ghad-dannu ta` Francis Savier Borg mill-Gzira u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250).

B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 334, 325 (b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija kif ukoll il-fatt li radd lura ta` dak minnu ricettat, dina l-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------